MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1907/2003

**Mob*isle* Communications Limited**

**vs**

**Ben Daif Hamad**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Novembru 2003 fejn is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' sitt mija u tmienja u sittin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm668.99) liema somma tiraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mob*isle* Communications Limited skond Client Contract Number 36656 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta atrrici u dana fix-xhur bejn Settembru 2003 u Jannar 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat

kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tmienja u sittin lira Maltija u disa u disghin centezmu (Lm668.99) bl-imghax pagabbli mill-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Gunju 2003 u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------